MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 633/2009/1

**Antoine Cassar kif ezercenti l-kummerc bl-isem ta' abc Print**

**vs**

**Mario Frendo**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi fl-20 ta' Gunju 2011 t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal**,*
*Ra l-Avviz tal-attur li talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma komplessiva ta' elf tmien mija u tlieta u erbghin euro u sittax-il centezmu (€1,843.16), rapprezentanti in kwantu ghal*

*(a) elf hames mija u erba' u tletin ewro (€1,534) prezz ta' hamsin elf (50,000) flier tal-kulur u in kwantu ghal*

*(b) tliet mija u disa' ewro u sittax-il centezmu (€309.16) prezz ta' mitejn u hamsin (250) wA4 posters;*

*ordnati mill-konvenut wara li kkonferma il-"quotation" lilu moghtija, izda ma kienx hallas.*

*Illi l-konvenut ukoll gie interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra legali u gudizzjarji.*

*Bl-imghax mid-data tal-invoice sad-data tal-hlas effettiv u l-ispejjez kollha legali u gudizzjarji.*

*Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi, kif ser jigi ppruvat waqt dawn il-proceduri, t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez.*

*Illi l-flier u l-posters in kwistjoni mhumiex tal-kwalita' patwita u ghalhekk l-attur ma jistax jippretendi l-hlas taghhom minghand il-konvenut.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur.*

*Ra x-xhieda tal-attur, li jispjega li hu kien jiggestixxi n-negozju tieghu ta' printing u signs. Il-konvenut kien talbu "quotation" fuq xi printing u sussegwentement kien ghamel ordni ta' hamsin elf (50,000) leaflet, li kienu stmati ghal elf u tliet mitt ewro (€1,300), plus VAT kif ukoll mitejn tnejn u sittin ewro (€262) plus VAT.*

*Il-konvenut kien ikkonferma dina l-ordni u ghal dak li jirrigwarda l-"art work," il-konvenut kien inkariga lil terz u kien imbaghad ghadda lll-attur CD fejn kien hemm id-"design art work," wara li kien qabbad designer personalment.*

*Irrizulta li kien hemm xi zbalji kaligrafici bl-Ingliz u l-attur jispjega li kien offra s-servizzi tieghu b'xejn sabiex jaghmel "proof reading" tal-"posters." Il-konvenut kien accetta.*

*Wara li l-attur lesta x-xoghol tal-printing, u l-konvenut mar jara l-prodott lest, ma kienx kuntent bil-"posters" ghaliex kienu aktar skura milli kien immaginahom.*

*Il-konvenut baqa' jinsisti li ma riedx jigbor dan ix-xoghol.*

*L-attur jispjega kif kien issuggerixxa lill-konvenut sabiex jaghmel "representation copy" tax-xoghol li kien ser jigi pprintjajt u dan kien kontra pagament ta' tmenin ewro (€80) peress li kellhom jergghu jixghelu l-magni sabiex jergghu jipproducu x-xoghol. Dan kien ser iwassal ix-xoghol tardivament, meta l-konvenut riedu urgenti. Ghalhekk ghazel li ma ssirx dina l-kopja. Mic-CD li tahom ma kienux messew xejn mill-"art work," hlief li kkoreggew xi zbalji fil-kitba.*

*Il-konvenut baqa' jinsisti li ma riedx jigbor ix-xoghol li baqa' ghand l-attur sallum u kien ghalhekk li kellu jittermina s-servizzi tal-attur.*

*L-attur jispjega ukoll li l-konvenut kien mar ghandu biex jippruvaw jaslu ghal ftehim u kien offra li jhallas sitt mitt ewro (€600) minkejja li ma kienx hareg soddisatt.*

*L-attur ighid li hu ma setax jaccetta dan il-ftehim, ghax ix-xoghol kien ghamlu sew u l-konvenut kellu jara l-affarijiet tieghu mad-designer li kien ghamillu l-"art work." Il-konvenut kien baqa' jinsisti li fuq il-computer il-printing kien jidher ahjar minn meta x-xoghol jigi pprintjat. Izda l-attur jinsisti li dan ma jistax ikun ghaliex bejn ix-xoghol li jidher fuq il-kompjuter u dak li jigi pprintjat il-kwantita' ta' inka hija differenti.*

*Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.*

*Ikkunsidra*

*Il-konvenut kien ordna fliers, kif ukoll poster sabiex jirreklama l-elezzjonijiet ta' "horse riding," li kien jghati.*

*Il-konvenut kien qabel mal-istima li tah l-attur u kien ghalhekk li l-attur beda jipprepara x-xoghol li kien gie nkarigat jaghmel. Jirrizulta mill-provi, li l-konvenut kien inkariga terza persuna sabiex jaghmel l-"art work," u kien ghaddieh lill-attur.*

*Qabel ma l-attur ghadda ghall-istampar, kien avza' lill-konvenut li jekk ried seta' jara kif kien ser ikun l-prodott finali, wara li lmenta li l-istampar tal-poster kien aktar skur minn dak li xtaq. Il-konvenut kien irrfjuta li ssir "representation copy", peress kien jehtieg li l-istampar isir malajr kemm jista' jkun.*

*Il-konvenut kien talab li l-istampar ikun ta' certu kwalita', izda meta ra l-prodott finali kien rah aktar skur u ghalhekk kien qed jirrifjuta li jhallas.*

*F'dan il-kaz, il-konvenut kien ghazel li jinkariga s-servizz ta' terza persuna sabiex jaghmel l-arti ghal finijiet tal-fliers, kif ukoll ghall-finijiet tal-poster. L-attur jikkonferma li kien uza' l-arti li pproduca l-konvenut u lanqas dan mhu kkontestat mill-konvenut.*

*Apparti minn hekk, il-konvenut irrifjuta li jara "representation copy" qabel u dan sabiex jevita li jahli z-zmien ghaliex kien imperativ li x-xoghol jitlesta urgentement. Ghalhekk, l-attur mar direttament ghall-istampar.*

*Kieku l-konvenut kien dispost li jhallas dak li kien rikjest biex issir "representation copy," kienet tkun storja ferm differenti, ghaliex jekk ma kienx kuntent bil-kwalita', ma kienx isir l-istampar tal-ordni intiera jew kien ikun hemm kambjament.*

*L-attur ma kienx inkarigat biex jiddisinja kemm il-fliers, kif ukoll l-poster, izda l-konvenut kien inkarigah biss bhala "printer." Il-kontenut tal-"printing" kienet saret minn terz u mhux mill-attur u ghalhkk, jekk id-disinjar (art work) ma*

*kienx soddisfacenti, ma jistax jassumi r-responsabbilta' l-attur. Jekk il-konvenut ghaddielu CD bid-disinjar ghall-fliers u l-poster u ma ilmentax fuqu l-konvenut meta ghaddieh lill-attur, dan kien ifisser li kien tajjeb biex ighaddi ghal-istampar, anke jekk ghal mument l-attur kellu opinjoni differenti. Hekk ried il-konvenut u fil-fatt l-attur esegwixxa dak li ordnalu l-konvenut.*

*Ghalhekk, l-attur m'ghandux ikun responsabbli ghall-istampar, jekk ma giex indikat li l-konvenut xtaq stampa aktar cara minn dik li kien hemm fic-CD, mghoddi lill-attur.*

*Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma komplessiva ta' elf tmien mija u tlieta u erbghin ewro u sittax-il centezmu (€1,843.16), bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mario Frendo datat 8 ta' Lulju 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontrih.

Rat ir-risposta tal-appell tal-appellat Antoine Cassar datata 29 ta' Lulju 2011 a fol 6 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal ghal Talbiet hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' Dicembru 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-7 ta' Dicembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Veronica Aquilina ghall-appellanti u Dr. Francesco Sultana ghall-appellat. Id-difensuri taw ruhhom b' notifikati bl-avviz tas-smigh tal-kawza u rrimettew ruhhom ghall-atti. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-31 ta' Mejju 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 20 ta' Gunju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li (a) ma saret ebda riferenza ghax-xhieda tal-appellant fid-decizjoni; (b) ma inghatat ebda spjegazzjoni ghaliex ma saritx riferenza ghax-xhieda tal-appellant u ghaliex giet accettata il-verzjoni tal-appellanti; (c) konkluzjoni skond l-appellanti zbaljata tat-Tribunal fid-decizjoni tieghu fejn jinghad li l-konvenut appellanti rrifjuta *representation copy* u wkoll li l-konvenut ma kienx indika li xtaq stampa cara minn dik fuq ic-CD mghoddija lill-attur appellat.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Maria Calleja et vs Carmel Bonanno"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' Ottubru 2010) meta hemm appell merament fuq punt ta' fatt u mhux punt ta' dritt u hija prassi stabbilita ta' din il-Qorti ta' revizjoni li ma tiddisturba qatt leggerment dik l-evalwazzjoni li tkun ezercitata mill-Ewwel Qorti jew Tribunal dwar provi ta' fatt li jkunu gew prodotti quddiemu, hlief f'kazijiet li jistghu jigu kkunsidrati bhala eccezzjonali fejn jirrizulta li jkun sar zball tali li abbazi tal-istess provi prodotti quddiem l-istess Qorti jew Tribunal tal-prim istanza ma setax jew manifestament ma kellux jasal ragonevolment ghal tali konkluzjoni li jkun effettivament wasal ghaliha, b'dan allura li l-istess decizjoni tkun vizzjata bi zball jew nuqqas ta' konsiderazzjoni ta' elementi vitali fil-provi (**"Pierre Borg et vs Blye Engineering Co. Ltd"** (A.I.C (JF) – 30 ta' Settembru 2002); **"Paul Formosa vs Salvu Debono"** - A.C. – 5 ta' Ottubru 2001); **"Brigitte Vella pro. et noe. vs Richard Vella"** A.C. – 5 ta' Ottubru 2001); u **"Laura Seguna et vs Francis Mallia et"** (A.C. – 27 ta' April 2001).

Illi din il-Qorti thoss fid-dawl tal-premess li mix-xhieda prodotta jidher car li t-Tribunal emmen il-verzjoni tal-attur u mhux dik tal-konvenut u dan peress li l-verzjoni tal-konvenut kienet mibnija biss fuq ix-xhieda tieghu li huwa ried li jara *sample* qabel ma jsir il-*printing*, izda min-naha l-ohra l-attur jidher li ghamel ix-xoghol skond l-*art work* li tah il-konvenut stess u wkoll li l-attur offra li jaghmel *representation copy* qabel il-*printing* tal-istess oggetti verso l-prezz ulterjuri ta’ €80, izda l-konvenut irrifjuta, u ghalhekk jidher li la darba x-xoghol sar skond l-*art work* prodott mill-konvenut stess mela allura x-xoghol sar kif pattwit u skond is-sengha u l-arti u allura ma kienx hemm bazi sabiex tintlaqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut, u ghalhekk huwa wkoll car li l-verzjoni tal-konvenut ma kinitx giet accettata mit-Tribunal ghaliex ma hassitx li l-verzjoni attrici kienet kredibbli u dan kollu kif fl-ambitu tad-diskrezzjoni li l-istess Tribunal ghandu fl-apprezzament tax-xhieda quddiemu u certament li f’dan il-kaz din il-Qorti ma thossx li ghandha tibdel xejn mill-istess. Jinghad ukoll li dak li sostna l-appellant huwa kontrastat mix-xhieda attrici datata 24 ta’ Gunju 2010 riportata f’paragrafu 3 fir-risposta tal-appell tal-appellat. Ghalhekk l-appell odjern qed jigi michud ghaliex jirrizulta li t-Tribunal ghamel apprezzament sew tal-provi prodotti quddiemu u abbazi tal-istess accetta l-verzjoni attrici fuq dik konvenuta, kif fuq kollox kellu l-fakolta’ li jaghmel skond il-provi prodotti quddiemu.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-appell tal-appellat datata 29 ta’ Lulju 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Mario Frendo datat 8 ta’ Lulju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi u b’hekk tikkonferma ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet “Antoine Cassar vs Mario Frendo” (Avviz Numru 633/09/GMA) datata 20 ta’ Gunju 2011.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti Mario Frendo.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------